**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 298/2019 RM**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 2281/2019 mahrug fis-6 ta' Dicembru fl-ismijiet**

**Michael Schembri**

**-vs-**

**Marc Von Brockdorff u Daniela Von Brockdorff**

**Illum, 12 ta' Frar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Marc u Daniela konjugi Von Brockdorff ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Dicembru 2019 fejn gie premess:-

*"Illi permezz ta' rikors ta' ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju, is-sekwestrant talab u ottjena l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi u bin-numru 2281/2019 kontra l-esponenti sekwestrati fl-ammont ta'* ***tlett elef***

***ħames mija u erbgħin ewro*** *(€3,540) u bil-kawżali tal-mandat ta' sekwestru illi jgħid: "Ammont dovut għal ħsarat kkaġunati mis-sekwestrati fil-proprjeta' tar-rikorrenti, hekk kif interpellati fl-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment skont rapport tal-Perit Duncan Polidano."*

*Illi l-fatti tal-każ odjern huma s-segwenti:*

1. *Fis-sitta (6) ta' Diċembru 2019, kif fuq spjegat, is-sekwestrant talab u ottjena l-ħruġ tal-imsemma mandat kawtelatorju bin-numru 2281/2019 kontra s- sekwestrati;*

2. *Illi kontestwalment mal-imsemmi rikors ta' mandat ta' sekwrestru, is-sekwestrant ippreżenta ittra uffiċjali, iżda sal-ġurnata preżenti s-sekwestrati ma humiex notifikati b'tali ittra uffiċjali;*

3. *Illi fir-rigward tal-allegat ħsarat ikkaġunati mis-sekwestrati fil-proprjeta' tas-sekwestrant, id-diskors u ftehim bejn il-partijiet dejjem kien illi s-sekwestrati jagħmlu x-xogħolijiet neċċessarji a spejjeż tal-istess sekwestrati, tant illi huma diġa ngaġġjaw perit u kumpanija tal-water proofing biex isiru tali xogholijiet ta' tiswija;*

4. *Illi tant illi l-ftehim bejn il-partijiet dejjem kien dak fuq spjegat, il-sekwestrant **qatt** ma talab lis-sekwestrati sabiex iħallsu xi ammont ta' flus, la b'mod informali u wisq anqas b'mod formali u kwindi jeżistu l-estremi meħtieġa skont l-artiklu 836(8)(b) u ċioe din l-Onorabbli Qorti tista' tikkundanna lis-sekwestrant sabiex iħallas penali li jmorru għand s-sekwestrati għaliex l-istess sekwestrant naqas milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju de quo, huwa b'xi mod talab lis-sekwestrati li jħallsu d-dejn, jew jekk id-dejn mhux wieħed likwidu illi s-sekwestrati jipprovdu sigurta' biżżejjed;*

5. *Illi r-rapport tal-Perit Duncan Polidano indika biss stima tal-ispejjeż sabiex isiru x-xogħolijiet ta' rimedju u ċioe l-allegatament ħsarat ikkaġunati mill-esponenti fil-proprjeta' tal-intimat ma' jistgħu qatt jitqiesu bħala debitu ċert, likwidu u dovut u minn dan kollu jirriżulta illi tali talba tal-konvenut saret b'malizzja, hija frivola u vessatorja;*

6. *Illi s-sekwestrati ddepożitaw ċedola ta' depożitu taħt l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti permezz taċ-ċedola numru u dan sabiex il-mandat de quo jitneħħa malajr kemm jista' jkun minħabba illi qiegħed jikkaġuna danni nġenti;*

7. *Illi fl-umli fehma tas-sekwestrati, iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ jimmeritaw illi l-mandat kawtelatorju de quo jiġi revokat fil-konfront tagħhom u dan a tenur tal-artiklu 836 (1)(ċ) tal-Kap 12, flimkien ma' impożizzjoni ta' penali stante l-frivolita tal-mandat de quo a tenur tal-artiklu 836(8)(b) u 836(8)(d) tal-Kap 12, kif ukoll impożizzjoni ta' danni a tenur tal-artiklu 836(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, s-sekwestrati qegħdin umilment iressqu dan ir-rikors sabiex jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:*

i. *Tikkundanna lis-sekwestrant Schembri Michael li nħareġ l-att kawtelatorju de quo fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) ai termini tal-artiklu 836(8)(b) u 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

ii. *Tillikwida u tikkundanna lis-sekwestrant Schembri Michael iħallas id-danni illi s-sekwestrati ġarrbu kawża tal-ħruġ tal-mandat de quo ai termini tal-artiklu 836(9).*

*Bl-ispejjeż."*

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Jannar 2020 li permezz tieghu inter alia appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tad-29 ta' Jannar 2020;

Rat ir-Risposta ta' Michael Schembri pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Jannar 2020 fejn gie premess is-segwenti:-

***"Preliminari***

*Illi r-rikorrent talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 2281/2019 kontra l-intimati sekwestrati għall-ammont ta' € 3,540 [tlett elef ħames mija u erbgħin ewro], amont ċert, likwidu u dovut għal ħsara kkaġunata mill-istess intimati fil-proprjeta' tar-rikorrenti skon l-istima tal-Perit;*

*Illi sussegwentament għal mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni, l-intimati intavolaw rikors fejn allegaw illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ favur r-rikorrenti kien wieħed li sar min talba tar-rikorrenti li saret "b'malizzja, hija frivola u vessatorja", dan abbażi l-allegazzjoni tal-intimati li qatt ma kien sar ftehim għal ħlas bejnhom u bejn ir-rikorrenti għal ħsara li ġiet ikkaġunata mill-intimati;*

*Illi abbażi tal-argument premess, l-intimati talbu li din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lir-rikorrent sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax il-ċenteżmu (€6,988.12) ai termini tal-artiklu 836(8)(b) u 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tillikwida u tikkundanna lir-rikorrent iħallas id-danni illi l-intimati ġarrbu kawża l-ħruġ tal-mandat de quo ai termini tal-artiklu 836 (9);*

***Il-Fatti tal-kaz***

*Illi l-fatti tal-każ odjern huma s-segwenti:*

*I Illi l-intimati joqgħodu f'proprjeta' sovrastanti dik tar-rikorrenti, u ikkaġunaw ħsara fil-proprjeta' tar-rikorrenti, inter alia bil-perkolazzjoni tal-ilma mill-proprjeta' tagħhom għal dik tar-rikorrenti* ***[dok A anness];***

*II Illi l-Perit Duncan Polidano ghamel stima ta' hsarat ta' € 3,540 [tlett elef ħames mija u erbgħin ewro]* ***[dok B anness];***

*III Illi r-rikorrent kellu kull dritt li jitlob il-ħruġ ta' dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, minħabba li l-intimati kienu nfurmaw lil-istess rikorrenti, wara li ġarrbulu l-ħsara msemmija, illi huma* ***kienu ser jitilqu mil-proprjeta'*** *in kwistjoni* ***[dok C anness];***

*IV Illi malli sema' hekk, ir-rikorrent li kien issubixxa dawn il-ħsarat, ħsarat li kienu unikament responsabbilta' tal-intimati, u li l-istess kienu qablu li jirrangaw, mil-ewwel beda l-proċeduri sabiex jirċievi l-amont dovut lilu ghal hsarat mill-intimati;*

*V Illi għalhekk kellhom jiġu ntavolati l-kawza kif ukoll il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 2281/2019;*

***Cedola ta' Depozitu***

*Illi l-esponenti jirrimettu ruhhom fid-dawl li l-intimati ghamlu cedola ta' depozitu bin-numru 3005/19 u fejn talbu li l-att kawtelatorju jigi revokat ai termini tad-dispost ta' l-Art 836 (1)(c) li jghid is-segwenti:*

*jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-attkawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor,jew*

*inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*

*Illi huwa important li l-garanziji soliti jinghataw sabiex kwalsiasi zbank isir skond il-ligi;*

***Talba ghal danni***

*Illi l-esponenti, wara li ghal diversi snin talab lill-intimati biex jirrangaw l-istat hazin tal-bejt taghhom, liema intimati dejjem baqghu inadempjenti, u li matul is-snin l-istess esponenti ghamel tiswijiet b'mod regolari minghajr ma qatt gie kumpensat minkejja li l-imsemmija hsara kienet tort ta' l-intimati, rega talab lill-intimati sabiex jirrangaw il-bejt taghhom wara li regghet saret hsara u dawn ta' l-ahhar infurmawh li huma kienu bieghu l-post u ghalhekk kienu f'sitwazzjoni partikolari;*

*Illi kif sar jaf dan, bl-gharfien li l-intimati kienu sar jitilqu mill-post taghhom billi jbieghuh, u per konsegenza l-esponenti ikun baqa fid-dar tieghu minghajr ma jkunu saru x-xogholijiet rimedjali, intavola l-mandat odjern;*

*Illi l-intimati qeghdin jitolbu l-hlas ta' penali ai termini ta' l-Art 836 (8):*

***Art 836 (8) (b) -** li l-esponenti naqqas milli jiġġustifika li l-attk awtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-iljum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed.*

*Illi l-intimati huma zbaljati peress li l-istess artikolu jipprovdi li **d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu magħandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza** għall-ħruġ tal-mandat; Illi fil-kaz de quo, bhal ma l-intimati dahqu bl-esponenti ghal snin twal fejn qatt ma*

*ghamlu riparazzjonijiet, kienu ser jergghu jingannaw lill-esponenti billi jbieghu l-propjeta u jhalluh bil-hsarat. Illi dan zgur jinkwadra fil-parametri ta' urgenza ghal hrug ta' mandat;*

**Art 836 (8) (d) -** *li it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja,tkun frivola jew vessatorja. Illi hawnhekk wiehed jibqa stupefat kif tista ssir tali allegazjoni meta l-mandat kawtelatorju huwa intiz sabiex wiehed jissalvagwardja l-interessi tieghu. Fil-kaz de quo l-esponenti, minbarra li gibed l-attenzjoni ta' l-intimati ghal snin twal, tkellem u kkumisjona perit biex iheji rapport, liema rapport jinsab anness. Illi dan l-agir zgur mhux wiehed malizzjuz, frivolu jew vessatorju.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent ma ghamel xejn li jiggustifika li din l-Qorti tikkundannah ihallas danni.*

*Bl-ispejjes kontra l-intimati ngunti ghas subizzjoni.*

*Tant ghandu unur jissottometti."*

Rat l-ordni taghha moghtija fl-udjenza tad-29 ta' Jannar 2020 li permezz taghha ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 2281/19 mal-atti odjerni;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza tad-29 ta' Jannar 2020;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Permezz tar-Rikors taghhom, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu l-kundanna ta' Marc Schembri, li talab u ottjena l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 3005/19, ghall-hlas ta' penali a tenur tas-subincizi (b) u (d) tal-Artikolu 836(8) Id-dispozizzjonijiet citati jipprovdu illi l-qorti tista' tikkundanna lill-persuna li fuq talba taghha jkun inhareg mandat kawtelatorju, sabiex ihallas penali fis-somma ta' mhux inqas inn €1,164,69 u mhux iktar minn €6,988.12, li tmur ghand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju:-

*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:*

*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;*
…
*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Ir-rikorrenti jitolbu wkoll il-hlas tad-danni li huma garrbu bhala rizultat tal-hrug tal-Mandat ta' Sekwestwu *de quo*.

Ikkunsidrat;

Kif inhuwa risaput, l-impozizzjoni tal-penali mahsuba fl-Artikolu 836(8) hija ta' ordni pubbliku ghaliex issarraf f'sanzjoni punittiva marbuta mal-abbuz fil-hrug tal-mandati kawtelatorji, intiza biex tassigura s-serjeta' fil-process gudizzjarju u jigi evitat l-abbuz fl-istitut tal-Mandati kawtelatorji. Izda sabiex tigi imposta l-penali, irid jintwera a sodisfazzjoni tal-Qorti, oltre ghall-element tal-abbuz, li tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi, liema cirkostanzi ghandhom jitqiesu bhala tassattivi.

In materja jinsab ritenut illi:-

*"Generalment, l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nfisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju."*[1]

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi l-intimat Michael Schembri huwa s-sid tal-fond sottostanti dak tar-rikorrenti u ghal diversi snin kien hemm problema ta' dhul tal-ilma mill-fond tar-rikorrenti liema dhul ikkaguna b'mod rikorrenti hsarat fil-proprjeta` sottostanti. Dan mhuwiex kontestat mir-rikorrenti. Kemm hu hekk, l-istess rikorrenti fir-Rikors taghhom jikkontendu illi l-"*ftehim bejn il-partijiet dejjem kien illi* [huma] *jaghmlu x-xogholijiet necessarji a spejjez* [taghhom stess]". Jghidu izda, illi minkejja li kien hemm dan il-ftehim, l-intimat Michael Schembri ottjena l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru in kawtela tal-ammont ta' €3,540 rapprezentanti ammont dovut għal ħsarat kkaġunati fil-proprjeta` tieghu, minghajr qatt qabel ma kien interpellahom, la formalment u lanqas informalment, ghall-hlas ta' xi ammont ta' flus fir-rigward, kif talab fl-att kawtelatorju. Skont ir-rikorrenti, il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru f'dawn ic-cirkostanzi huwa wiehed frivolu, malizzjuz u vessatorju, oltre li in-nuqqas ta' interpellazzjoni jinkwadra fid-dispozizzjonijiet tas-subinciz (d) tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12.

Il-Qorti semghet lill-intimat Michael Schembri jixhed u mill-ewwel tqis illi t-talba tar-rikorrenti ghall-hlas tal-penali ma tistax tintlaqa'. Dan ghaliex huwa pjuttost manifest jekk mhux ukoll inkontestat mir-rikorrenti, illi l-problema tad-dhul tal-ilma fil-proprjeta` tal-intimat ilha tezisti ghal diversi snin, u l-istess

---

[1] **Paul Attard noe. vs Loreto Abela** – Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciz fil-25 ta' Mejju 2005. Ara wkoll **Anna Maria Abdilla vs Marco Abdilla**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar 2013.

intimat ilu diversi snin jitlob lir-rikorrenti jaghmlu t-tiswijiet mehtiega fil-fond taghhom sabiex titwaqqaf darba ghal dejjem il-perkolazzjoni tal-ilma u kwindi l-hsarat rizultanti fil-fond tieghu. Madanakollu, jidher illi dawn ix-xogholijiet jew ma sarux jew baqghu ma sarux sodisfacjentement ghaliex evidentement, saz-zmien meta l-intimat talab il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru, il-problema tal-ingress tal-ilma kienet ghadha ma gietx eliminata.

Il-Qorti tifhem illi jista' jkun il-kaz illi r-rikorrenti verament kienu waslu sabiex finalment iwettqu x-xogholijiet rimedjali fil-fond taghhom, izda l-fatt jibqa' illi sakemm il-Mandat inhareg, dawn ix-xogholijiet kienu ghadhom ma sarux b'mod utili jew effettiv, u s-sitwazzjoni ma jidhrix li nbidlet sal-lum. Maghdud dan il-fatt illi l-intimat fir-Risposta tieghu kif ukoll fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti, sostna illi huwa pproceda sabiex talab il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru meta sar jaf illi r-rikorrenti bieghu il-fond taghhom u ma kienux ser jibqghu jghixu hemmhekk, fatt illi oltre li ma giex kontestat mir-rikorrent, huwa evidenzjat mill-korrispondenza annessa mar-Risposta tal-intimat (Dok. C).

Il-Qorti tqis li huwa ftit spjegabbli kif ir-rikorrenti f'dan il-kwadru ta' fatti setghu jippretendu li l-intimat jibqa' jissapporti b'mod indefinittiv id-dhul ta' ilma bil-hsarat kollha konsegwenzjali li dan kien qed jikkaguna fil-fond tieghu, u jibqa' ma jikkawtela qatt id-drittijiet tieghu ghar-riparazzjoni tad-danni, meta jirrizulta illi din il-problema baqghet ma gietx rizolta mir-rikorrenti minkejja diversi weghdiet da parti taghhom u minkejja trapass sostanzjali ta' zmien. *Multo magis* meta r-rikorrenti nfushom deherilhom li ghandhom jispostaw ir-responsabbilita` ghat-twettiq tax-xogholijiet rimedjali fuq is-sidien il-godda tal-fond taghhom u li l-intimat kellu jaccetta din id-decizjoni unilaterali u inaspettata taghhom.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghan-nuqqas ta' interpellazzjoni dwar il-hlas tad-debitu, hekk kif prospettat fis-subinciz (b) tal-Artikolu 836(8), liema debitu f'dan il-kaz jikkonsisti fl-ispejjez ghax-xogholijiet ta' tiswija u riparazzjoni tal-hsarat kif mitlub fil-Mandat, jirrizulta manifest mill-iskambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet f'Ottubru 2019 (Dok. C) illi l-intimat kien ferm frustrat bil-kontinwita` tal-problema li baqghet ma ssolvietx bl-interventi li r-rikorrenti qalu li kienu ghamlu fil-fond taghhom, u kien gharraf lill-istess rikorrenti bla tlaqliq illi filwaqt li kien qed izommhom responsabbli ghad-danni, kien sejjer jikkonsulta mal-avukat tieghu. Huwa indiskuss ukoll illi l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju in kwistjoni gie mahrug b'osservanza tad-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kap. 12 stante illi t-talba ghall-hrug tieghu saret kontestwalment ma' interpellazzjoni gudizzjarja maghmula a tenur tal-Artikolu 166A tal-istess Kap. 12, ghall-hlas tad-danni minnu pretizi.

Il-Qorti, fic-cirkostanzi u mehud qies ta' dak kollu kkunsidrat, tqis illli l-intimat mhux biss irnexxielu jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareg, izda wkoll wera sodisfacjentement illi kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat b'kawtela tad-drittijiet tieghu, proprju bl-gharfien li r-rikorrenti kienu bieghu l-fond taghhom minghajr ma wettqu r-riparazzjonijiet li kif jistqarru huma stess, kien hemm ftehim li jsiru minnhom u a spejjez taghhom. Dan premess u stabbilit, lanqas ma hija mehtiega l-prova tal-interpellazzjoni lid-debitur ghall-hlas tad-dejn, imsemmija fis-subinciz (d) tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12

F'din il-gabra tal-atti u tal-provi mismugha, il-Mandat ma jistax, fic-cirkostanzi, jitqies li nhareg b'malizzja, jew li huwa fieragh u vessatorju. Kemm hu hekk, l-ammont tad-danni mitlub u kawletat bil-Mandat *de quo* fis-somma ta' €3,540, huwa ammont li evidentement gie kwantifikat permezz ta' stima ta' Perit rapprezentanti l-ispejjez mehtiega ghat-tiswijiet fil-fond tal-intimat (Dok. B). Pjuttost, il-Qorti tqis li r-rikorrenti nfushom naqsu milli jimxu korrettement

mal-intimat meta naqsu, minkejja li l-ftehim li suppost kien hemm, milli jiehdu hsieb it-tiswijiet li mid-dehra kienu ilhom zmien twil iwieghduh. Ghaldaqstant, il-Qorti thoss illi ghandha teskludi b'mod definittiv l-ipotesi illi l-intimat talab il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru b'mod malizzjuz, u ma tqisx lanqas illi l-Mandat huwa wiehed fieragh jew vessatorju.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghat-talba ghall-hlas tad-danni, bhat-talba ghall-hlas tal-penali, il-Qorti tosserva illi dawn ir-rimedji jibqghu dejjem marbuta intimament mal-mod kif ikun intalab il-hrug tal-mandat kawtelatorju u l-fatti li fuqhom it-talba tkun giet milqugha mill-Qorti. Huwa principju assodat fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi l-ezercizzju tad-dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilta` ghad-danni, sakemm id-dritt ma jkunx abbuzat u sakemm l-istess dritt jkun ezercitat fil-limiti permessi fil-ligi. Fis-sentenza fl-ismijiet **John Zarb vs Port Cottonera Limited**[2], gie ribadit il-principju illi min jiftah il-kawza u jitlifha, ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatorju jew il-persuna li taghmel it-talba tkun imxiet kapriccozament u in malafede, f'liema kazijiet hija tista' tkun responsabbli ghad-danni naxxenti mill-agir irresponsabbli taghha. In propositu, intqal hekk:-

*"Din il-Qorti, ghalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li c-cirkostanzi ta' meta min ikun hareg mandat kawtelatorju jista' jinsab responsabbli ghad-danni, mhux limitat ghal dak provdut fl-artikolu 836 (8) tal-Kap 12, thoss li r-responsabbilta` trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus pater familias".*[3]

Applikat dan l-insenjament ghall-kaz odjern, kif diga` stabbilit ma jirrizultax illi l-intimat sekwestrant mexa negligentement jew b'mod imprudenti fil-hrug tal-

[2] Prim'Awla tal-Qorti Civili, 18 ta' Settembru 2002, citata wkoll f'**George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 22 ta' Ottubru 2015.
[3] Ara **Farrugia vs Sammut** Kollez. Vol. XXXVIII.i.223; u **Barbara vs Fleri** Kollez. Vol.XXVIII.iii.695.

Mandat kawtelatorju *de quo* u ghaldaqstant, mehud qies ukoll tal-fatt illi r-rikorrenti ma ressqu ebda prova kwalsiasi in sostenn tat-talba taghhom ghall-hlas tad-danni, il-Qorti ma tistax hlief tichad it-talba maghmula a tenur tal-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda tichad it-talbiet tar-rikorrenti sija ghall-hlas tal-penali ai termini tal-Artikolu 836(8)(d)(f) tal-Kapitolu 12 u sija wkoll ghall-hlas tad-danni ai termini tal-Artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez ta' dan l-episodju jithallsu mill-istess rikorrenti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**